

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Kwistjonijiet Tal-familja U Wirt](#) > [Informazzjoni Dwar It-tneħħija Legali Tal-minuri](#) > Malta

Informazzjoni dwar it-tneħħija legali tal-minuri

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)



1 Taħt liema ċirkostanzi jista' ġenitur jittrasferixxi legalment lill-minuri lejn Stat ieħor mingħajr il-kunsens tal-ġenitur l-ieħor?

Iċ-ċirkostanzi ivarjaw skont is-sitwazzjoni iżda l-aktar komuni insibu li wieħed m'għandux jitlob kunsens minn għand il-ġenitur l-ieħor meta l-post li dan ta' l-aħħar jgħix ma jkunx magħruf. L-Artikolu 56 (5) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdri illi l-Qorti tista' ċċaħħad il-jeddijiet tal-awtorita lil xi ġenitur u għalhekk f'dak il-każ il-ġenitur li għandu l-kura u kustodja tal-minuri m'għandux għalfejn jitlob il-kunsens ta' dak il-ġenitur li ġie mċaħħad mill-jeddijiet tiegħu jew tagħha.

Iżda ġenitur għandu dejjem jaċċerta ruħhu illi jista' jittrasferixxi minuri lejn Stat ieħor mingħajr il-kunsens tal-ġenitur l-ieħor billi jitlob l-awtorizzjoni tal-Qorti kompetenti u cioè Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja).

2 Taħt liema ċirkostanzi hu meħtieġ il-kunsens tal-ġenitur l-ieħor għat-trasferiment tal-minuri lejn stat ieħor?

Taħt il-liġi nazzjonali sabiex ġenitur jagħmel transferiment tal-minuri ikun dejjem meħtieġ il-kunsens tal-ġenitur l-ieħor aktar u aktar jekk il-ġenitur l-ieħor għandu xi dritt illi ser jiġi leż meta isir it-transferiment tal-minuri. Fost id-drittijiet illi għandu ġenitur wieħed isib id-dritt ta' aċċess u d-dritt illi jipparteċipa fid-deċiżjonijiet dwar ħajjet il-minuri (u dan jinkludi il-post, l-ambjent u l-kultura fejn ser jitrabba il-minuri). F'din is-sitwazzjoni l-ġenitur li ma jgħatix l-kunsens jista' jopponi għat-transferiment għal ħafna raġunijiet, per eżempju li bit-trasferiment huwa sejjer jiġi miċħud mill-aċċess.

3 Jekk il-ġenitur l-ieħor ma jagħtix kunsens għat-trasferiment tal-minuri lejn Stat ieħor, minkejja li jkun meħtieġ, il-minuri kif jistgħu jiġu ttrasferiti b'mod legali lejn Stat ieħor?

Il-minuri ikunu jistgħu jiġu trasferiti lejn Stat ieħor, minkejja nnuqqas ta' kunsens tal-ġenitur l-ieħor, jekk ikun hemm awtorizzazzjoni ta' dan minn Qorti kompetenti.

4 L-istess regoli japplikaw għat-trasferiment temporanju (eż. vaganza, il-kura tas-saħħa eċċ.) u t-trasferiment permanenti? Jekk applikabbli, jekk jogħġbok ipprovdri l-formoli ta' kunsens rilevanti.

Iva, l-istess regoli japplikaw għat-trasferiment temporanju. Il-kunsens ta' ġenitur jista' jingħata b'dan il-mod:

I, the undersigned, who is the parent of _____ (name, surname, date of birth, identity card number of minor) authorise that my son/daughter (choose applicable) leaves the Island of Malta for the purpose of _____ (reason to leave island) and that the such period shall be for an indefinite period/ for the duration of _____ (time period)(choose applicable).

Signature followed by the name, surname, i.d.card number of parent

■ L-aħħar aġġornament: 17/07/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.